

# L-Imġarr fi żmien il-gwerra



**Kitba ta' Max Farrugia**
*Dip.Lis.*

Bħal kull belt u raħal ieħor, għalkemm 'il bogħod miċ-ċentru ta' fejn kienu qed jiġu kkonċentrati l-attakki mill-ajru mill-ajruplani Taljani u Ġermaniżi, minħabba li kien hemm jew l-ajruporti, il-portijiet jew inkella t-tarzna, l-Imġarr ukoll ta s-sehem tiegħu sabiex finalment il-gżejjer Maltin ma jiġux maħkuma mill-għedewwa.



*Maskla tal-gass li kienet tintuża għat-trabi*

Waħda mill-akbar kontribuzzjonijiet li r-raħal ta kienet bla dubju ta' xejn li laqa' fi ħdanu numru kbir ta' refuġjati minn bliet u rħula min-naħa ta' isfel ta' Malta, b'mod speċjali mill-Kottonera. Skont dokumentazzjoni tal-perjodu tal-gwerra nsibu li madwar seba' mitt ruħ irħewlha lejn dan ir-raħal. Għalkemm l-Imġarr ma kienx għadu żviluppat kif huwa llum, u nistaw ngħidu kien hemm problemi ta' akkonodazzjoni anki għall-istess residenti, il-qalb ħanina tal-Maltin laqgħet lil dawn ir-refuġjati ġewwa djarhom, u ġew akkomodati kif setgħu. Il-problema prinċipali, b'mod speċjali fl-ewwel xhur tal-gwerra, nistgħu ngħidu li kienet is-sigurtà tar-residenti u anki tar-refuġjati. Is-sigurtà tar-raħal bdiet ġejja għan-normal ftit tax-xhur wara li bdiet il-gwerra, meta fil-qalba tar-raħal bdew jinbnew, jitħaffru fil-blat, sa kmamar fejn wieħed ikun jista' jistkenn mill-bombi. Il-biċċa l-kbira ta' dawn ix-xelters inbnew fil-qalba tar-raħal, fejn kien hemm konċentrazzjoni kbira ta' nies. B'kollox tħaffru madwar 30 xelter. Xi wħud minn dawn ix-xelters illum ma għadhomx jeżistu, oħrajn jinsabu mirduma imma għad hemm



*Xelter ta' żmien il-gwerra. Dan jista' jiġi aċċessat mingħand Il-Barri Restaurant.*

xelter li wieħed jista' jarah u anki jżuru. Dan jinsab taħt wieħed mill-ħwienet tal-ikel li hemm fil-pjazza. Familji Mġarrin u xi refuġjati li kienu joqogħdu fil-periferija tar-raħal, meta kien ikun hemm xi attakk mill-għadu, kienu jistkennu ġo xi għerien li kien hemm fl-inħawi. Anzjan Imġarri li kellu r-raba' tiegħu lejn Binġemma qalli li mhux darba u tnejn kienu jistkennu fl-oqbra Rumani li hemm fil-viċinanza sakemm jgħaddi l-periklu.

Il-Kunsill tal-Gvern flimkien mal-awtoritajiet militari bdew iħejju għal li jista' jinqala' nistgħu ngħidu f'kull belt u raħal. Ġie mwaqqaf il-kumitat magħruf bħal Air Raid Precaution, sabiex jara l-bżonnijiet ta' kull raħal. Dan il-kumitat waħda mill-ewwel affarijiet li għamel kienet li rreġistra lil kull min ġie minn barra r-raħal. Malli faqqgħet il-gwerra parti mill-iskola ttieħdet mill-Militar, u fiha waqqfu l-isptar għal kull eventwalità li setgħet tinqala', u aktar 'il quddiem ittieħdet l-iskola kollha. Xi kmamar mill-iskola l-RMAC, li kienu responsabbli mill-post, ramawhom għall-emerġenzi biss. Hawn wieħed allura bilfors isaqsi x'ġara mit-tfal. Ma bdewx jattendu skola? Nafu li l-iskola kienet baqgħet tiffunzjona normali ftit qabel il-gwerra. Il-klassijiet ma kinux ta' kuljum imma tliet darbiet fil-ġimgħa, sabiex b'hekk it-tfal kollha jkunu jistgħu jieħdu ftit edukazzjoni. Aktar 'il quddiem, meta l-iskola ġiet okkupata kollha minn dawk responsabbli mis-sigurtà tar-raħal, it-tfal bdew jieħdu l-lezzjonijiet tagħhom fil-knisja jew inkella fis-sala li kien hemm taħtha. It-tfal tar-refuġjati u dawk Imġarrin, bħal tfal oħra, għal sentejn sħaħ kellhom jikkuntentaw b'sistema li ġiet addottata.


*Il-maskla li kienet tintuża mit-tfal*


*Maskla tal-gass li kienet titqassam lil ħafna familji*

Bħala prekawzjoni minn xi attakk jew invażjoni mill-baħar, minbarra t-torrijiet tal-Kavallieri li nsibu f'dawn l-inħawi l-Militar Ingliż bena numru ta' pillboxes, u batteriji militari ġew mibnija għal kull eventwalità li setgħet tinqala'. Xi wħud minn dawn wieħed għadu jsibhom madwar il-kosta ta' dawn l-inħawi.

Id-dokumenti tal-ARP juru li kien ġie mwaqqaf kumitat sabiex jieħu ħsieb il-bżonnijiet tar-residenti. Fost dawn kien hemm il-bini ta' xelters, taħriġ lir-residenti kif jintużaw maskri tal-gass f'każ ta' xi attakk, u anki tqassmu numru konsiderevoli ta' maskri kemm għall-kbar kif ukoll għat-tfal. Il-maskri tat-tfal żgħar kienu totalment differenti minn dawk tal-kbar. Dawn mhux biss kienu jgħattu parti mill-wiċċ, b'mod speċjali l-ħalq u l-imnieħer, imma kienu jintlibsu kważi mal-ġisem kollu tat-tfal. Kien hemm żewġ qisien ta' dawn il-maskri: għat-tfal li jkunu rqaq u oħrajn għat-tfal ħoxnin. Sakemm ġew introdotti s-sireni sabiex iħabbru xi attakk mill-ajru t-twissija kienet tingħata billi jiġu sparati xi tiri ta' twissija u daqq tal-qniepen.

Nistgħu ngħidu li l-Imġarr beda jħoss l-effetti tal-gwerra propju tliet xhur wara, meta fl-inħawi tal-Kastell Zammitellu twaqqa' l-ewwel ajruplan Taljan tal-għadu. Il-pilota rnexxielu jsalva bi ftit tal-ġrieħi biss. Xi Mġarrin li kienu raw dak li ġara jgħidu li ajruplan deher fil-baxx ħafna.

Ma kinux jafu jekk dan kienx ajruplan tal-għadu jew le, imma fi ftit ħin dan l-ajruplan deher jitlef il-kontroll, u għalkemm deher li se jibqa' ħiereġ lejn il-baħar, f'daqqa waħda dar lura u spiċċa fl-għelieqi, u fl-istess ħin instemgħet splużjoni kbira u dehret vampa nar. Mill-ewwel fuq il-post marru t-Tabib Pullicino, li kien reponsabbli minn dawn l-inħawi, u individwi oħra tal-ARP, għax ħasbu li jista' jkun li weġġa' xi residenti fl-inħawi. B'xorti tajba ma miet ħadd f'dan l-inċident, u l-pilota kien instab b'qatgħa kbira taħt ħajt tas-sejjieħ. Huwa ngħata l-ewwel kura u wara ttieħed l-isptar. Meta dan l-ajruplan ġie eżaminat instab li kien imtertaq bil-bulits li ġew sparati mid-difiża Maltija.

Insibu li matul l-1941, b'mod speċjali meta minbarra l-attakki mit-Taljani l-gżejjer Maltin bdew jiġu attakkati wkoll mill-Ġermaniżi, fuq l-Imġarr kien hemm diversi attakki, u anki waqgħu numru ta' bombi. F'din is-sena kien hemm xejn inqas minn seba' attakki diretti fuq l-Imġarr u l-madwar. Matul Marzu kien hemm żewġ attakki, wieħed viċin Skorba, li fih ħadd ma weġġa' u lanqas saret ħsara, filwaqt li f'attakk ieħor viċin ħafna tal-knisja parrokkjali għalkemm ma weġġa' ħadd kien hemm xi ħsarat f'xi djar. Matul April l-Imġarr sofra minn tliet attakki.

L-ewwel wieħed kien propju fil-Ġimgħa l-Kbira. F'dan l-attakk ġarrbu l-ħsara xejn anqas minn 13-il dar, u kienu mietu tliet persuni, żewġ nisa u raġel. Barra dawn korrew diversi individwi oħra. Dawn il-bombi waqgħu fi Triq Fisher. Kien hemm operazzjoni sħiħa sabiex jgħinu lil dawn l-individwi, fosthom il-kappillan, it-tabib, Imġarrin u xi refuġjati. Fl-istess lejl sar attakk ieħor li matulu waqgħu xi bombi viċin il-Kastell Zammitellu, imma ma weġġa' ħadd u ftit li xejn saret ħsara. Propju l-għada tal-Għid fl-inħawi ta' Binġemma sar attakk ieħor, imma għal darba oħra ma kienx hemm nies feruti, għalkemm saret xi ħsara lil xi razzett. Attakk ieħor lejn l-aħħar ta' April sar fl-inħawi tal-Abbatija, fejn intefgħu xi bombi li xi wħud splodew fl-ajru u b'riżultat ta' hekk is-16-il familja li kien hemm fl-inħawi ma weġġa' ħadd minnhom.

Matul Ġunju tal-1941 kien sar attakk kbir fuq l-inħawi taż-Żebbiegħ u Tas-Salib, fejn intefgħu xejn inqas minn 26 bomba. L-attakki kienu waranofsinhar. L-attakk fl-inħawi Tas-Salib sar minħabba li f'dawn l-inħawi kien hemm battaljun stazzjonat. Għal darba oħra ħadd ma weġġa'.



*Triq Fisher fl-Imġarr kif tidher illum*

Kien hemm attakki oħra matul Awwissu u Settembru, li minħabba li l-ajruplani ġew interċettati mill-forzi tal-art Maltin, dawn ftit li xejn tefgħu bombi f'din iż-zona.

Tajjeb wieħed jgħid li l-bdiewa Mġarrin komplew bil-

ħidma tagħhom matul il-gwerra. Kollha pproduċew biżżejjed prodotti kemm għall-familjari tagħhom u anki għar-refuġjati. Dawn il-prodotti kienu jinbiegħu bi prezzijiet normali u mhux bil-black market, u b'hekk, flimkien mar-razzjon tal-ikel u prodotti mogħtija mill-Victory Kitchen, kulħadd seta' jgħix ftit aħjar minn irħula oħra. Semmejt il-Victory Kitchen; ħafna kienu jgergru li l-ammont li kienu jingħataw, wara li kont tkun trid tistenna ħin twil, ma kienx wieħed sodisfaċenti. Dokumenti li hemm fl-Arkivju Nazzjonali jindikaw li l-ikel prinċipalment kien jikkonsisti fi mqarrun biz-zalza tat-tadam, minestra, balbuljata u xi stuffat tal-laħam.

Kienu jingħataw xi prodotti oħra meta jidħol xi konvoj, fosthom laħam tal-bott, xi galletti, trab tal-bajd, fażola u piżelli. L-Imġarrin u r-refuġjati allura kienu jużaw prodotti oħra li jkunu xtraw, minħabba li l-ammont ta' ikel mogħti kien wieħed limitat. Għalkemm il-ħajja baqgħet għaddejja, insibu li f'dawn iż-żminijiet kien ikun hawn ħafna mard, mhux l-Imġarr biss imma kullimkien.

Kif qed naraw, l-ikel ma kienx wieħed sustanzjuż u bilanċjat. Ħafna mill-mard kien mard tal-ġilda, li n-nuqqas ta' nutrimenti, it-tensjoni u l-iffullar fix-xelters kienu jġibu magħhom. In-nuqqas ta' mistrieħ kien kawża oħra li kienet tikkaġuna l-mard.

Ma nistax nagħlaq dan l-artiklu mingħajr ma nsemmi lill-uffiċjali u l-ħaddiema tal-Protection Office, l-RAMC, id-DOM u l-istaff tiegħu, il-pulizija u l-Militar, li ħadmu flimkien mal-voluntiera sabiex jgħinu lill-Imġarrin u lir-refuġjati. L-aħħar imma mhux l-inqas, ix-xogħol kbir f'kull settur tal-ħajja li kien għamel il-Kappillan tal-Imġarr Dun Edgar Salomone, li kont issibu kullimkien u f'kull bżonn li kien hemm.





HORACE ENTERPRISES

TROPHIES, SPORTS GOODS AND EQUIPMENT

84, Triq Il-Gudja Għaxaq,
GXQ 2175 MALTA

21696302 / 99420346

horaceltd@gmail.com

www.horace-ent.com

Horace Enterprises Ltd

WE PRINT ON T-SHIRTS